REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/490

tal-25 ta' Marzu 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward ta' ċerti pjanti għat-tħawwil tal-*Juglans regia* L., tan-*Nerium oleander* L. u tar-*Robinia pseudoacacia* L. li joriġinaw fit-Turkija, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 fir-rigward tal-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni ta' dawk il-pjanti għat-tħawwil fit-territorju tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 42(4) tiegħu,

Billi:

(1) Abbażi ta' valutazzjoni preliminari, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 ([2]) jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018 ([3]) jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward il-proċedura li trid tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031 għal dawk il-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u l-oġġetti l-oħra ta' riskju għoli.

(3) Wara l-valutazzjoni preliminari, fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 iddaħħlu 34 ġeneru u speċi waħda ta' pjanti għat-tħawwil li joriġinaw mill-pajjiżi terzi kollha, bħala pjanti ta' riskju għoli, li fosthom hemm il-ġeneri *Juglans* L., *Nerium* L. u *Robinia* L.

(4) F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031, jekk jiġi konkluż, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, li pjanta, prodott tal-pjanti jew oġġett ieħor li joriġinaw minn pajjiż terz, minn grupp ta' pajjiżi terzi jew minn żona speċifika tal-pajjiż terz ikkonċernat, ikun fihom riskju inaċċettabbli ta' pesti, iżda li dak ir-riskju jista' jitnaqqas għal livell aċċettabbli jekk jitwettqu ċerti miżuri, il-Kummissjoni trid tneħħi dik il-pjanta, dak il-prodott tal-pjanti jew dak l-oġġett l-ieħor mil-lista stabbilita mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 u żżidhom mal-lista msemmija fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

(5) Dik il-lista hija prevista mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 ([4]).

(6) Fid-9 ta' Awwissu 2019, it-Turkija ressqet talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil imlaqqma ta' sentejn tal-*Juglans regia* L., li għandhom l-għeruq mikxufin, huma ħielsa mill-weraq u għandhom dijametru massimu ta' 2 cm fil-bażi taz-zokk. Dik it-talba ġiet sostnuta bid-dossier tekniku rispettiv.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward il-proċedura li trid tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju ta' pjanti b'riskju għoli, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra fit-tifsira tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 7).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 tal-21 ta' Awwissu 2020 dwar il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 275, 24.8.2020, p. 5).

(7) Fid-19 ta' Mejju 2021, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' komodità tal-pjanti għat-tħawwil tal-*Juglans regia* L. mit-Turkija ([5]). L-Awtorità identifikat *Anoplophora chinensis, Euzophera semifuneralis, Garella musculana, Lasiodiplodia pseudotheobromae* u *Lopholeucaspis japonica* bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti għat-tħawwil, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji deskritti fid-dossier għal dawk il-pesti u stmat il-probabbiltà li dawn ikunu ħielsa minn dawk il-pesti.

(8) Fis-27 ta' Novembru 2019, it-Turkija ressqet talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil ta' bejn sena u erba' snin bil-materjal għat-tkabbir tan-*Nerium oleander* L. Dik it-talba kienet akkumpanjata mid-dossier tekniku rispettiv.

(9) Fil-25 ta' Marzu 2021, l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' komodità tal-pjanti għat-tħawwil tan-Nerium oleander L. mit-Turkija ([6]). L-Awtorità identifikat il-Phenacoccus solenopsis bħala pest rilevanti għal dawk il-pjanti għat-tħawwil, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji deskritti fid-dossier għal dak il-pest u stmat il-probabbiltà li dawn ikunu ħielsa minn dak il-pest.

(10) Fis-27 ta' Novembru 2019, it-Turkija ressqet talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil ta' bejn tlieta u seba' snin, bl-għeruq mikxufin u pjanti bil-materjal għat-tkabbir tar-Robinia pseudoacacia L. Dik it-talba kienet akkumpanjata mid-dossier tekniku rispettiv.

(11) Fil-25 ta' Marzu 2021, l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' komodità tal-pjanti tar-*Robinia pseudoacacia* L. mit-Turkija ([7]). L-Awtorità identifikat lil *Anoplophora chinensis, Lopholeucapsis japonica,* u *Pochazia shantungensis* bħala pest rilevanti għal dawk il-pjanti għat-tħawwil, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji deskritti fid-dossier għal dawk il-pesti u stmat il-probabbiltà li dawn ikunu ħielsa minn dawk il-pesti.

(12) Abbażi ta' dawk l-opinjonijiet, jenħtieġ li jiġu adottati l-miżuri meħtieġa biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' dawk il-pesti bħala rekwiżiti fitosanitarji tal-importazzjoni, sabiex jiġi żgurat li r-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni jitnaqqas għal livell aċċettabbli.

(13) Għalhekk, il-pjanti li ġejjin jenħtieġ li jitneħħew mill-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019: pjanti għat-tħawwil ta' *Juglans regia* L. ta' mhux aktar minn sentejn, bl-għeruq mikxufin, mingħajr weraq u b'dijametru massimu ta' 2 cm fil-bażi taz-zokk, li joriġinaw mit-Turkija, pjanti għat-tħawwil ta' *Nerium oleander* L. ta' mhux aktar minn erba' snin, li joriġinaw mit-Turkija, u pjanti għat-tħawwil ta' *Robinia pseudoacacia* L. ta' mhux aktar minn seba' snin u b'dijametru massimu ta' 25 cm, li joriġinaw mit-Turkija. Dawn il-pjanti għat-tħawwil jenħtieġ li jiżdiedu mal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 u, jekk applikabbli, jenħtieġ li l-miżuri fitosanitarji tal-importazzjoni meħtieġa jiġu stabbiliti fih.

(14) Minħabba l-inċertezzi identifikati mill-Awtorità f'dawk id-dossiers, l-applikazzjoni waħidha tal-miżuri proposti mit-Turkija fid-dossiers ma tistax tnaqqas għal livell aċċettabbli r-riskju mill-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni. Sabiex jitnaqqas ir-riskju fitosanitarju għal tali livell, minbarra l-miżuri diga' proposti fid-dossiers mit-Turkija, jenħtieġ li dawk il-pjanti jitkabbru f'siti ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti.

([5]) EFSA PLH Panel (European Food Safety Authority Panel on Plant Health), Scientific Opinion on the Commodity risk assessment of *Juglans regia* plants from Turkey. EFSA Journal 2021;19(6):6665, 99 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2021.6665.

([6]) EFSA PLH Panel, Scientific Opinion on the commodity risk assessment of *Nerium oleander* plants from Turkey. EFSA Journal 2021;19 (5):6569, 34 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2021.6569.

([7]) EFSA PLH Panel, Scientific Opinion on the commodity risk assessment of *Robinia pseudoacacia* plants from Turkey. EFSA Journal 2021;19(5):6568, 54 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2021.6568.

(15) *Anoplophora chinensis* u *Lopholeucaspis japonica* huma elenkati bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([8]). *Euzophera semifuneralis, Garella musculana, Lasiodiplodia pseudotheobromae, Phenacoccus solenopsis* u *Pochazia shantungensis* għadhom mhumiex inklużi f'dik il-lista iżda jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiġu inklużi ladarba tkun twettqet valutazzjoni sħiħa tar-riskju.

(16) F'konformità mal-Artikolu 42(5) tar-Regolament (UE) 2016/2031, il-valutazzjoni tar-riskju se titwettaq f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Madankollu, minħabba d-domanda għall-importazzjonijiet, miżuri fitosanitarji temporanji li jikkonċernaw l-*Euzophera semifuneralis, il-Garella musculana*, il-*Lasiodiplodia pseudotheobromae, il-Phenacoccus solenopsis* u l-*Pochazia shantungensis* huma meħtieġa u xierqa sakemm titlesta l-valutazzjoni tar-riskju.

(17) Għal konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji ([9]), l-importazzjoni ta' dawk il-komoditajiet fl-Unjoni jenħtieġ li tissokta fl-iqsar żmien possibbli. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

([9]) Il-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (adottat fil-15 ta' April 1994, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995), 1867 UNTS 493 (Ftehim SPS).

ANNESS I

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, fil-punt 1 tat-tabella, it-tieni kolonna "Deskrizzjoni" hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata ta' "*Juglans* L." hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Juglans* L. minbarra pjanti għat-tħawwil ta' *Juglans regia* L. ta' mhux aktar minn sentejn bl-għeruq mikxufin, mingħajr weraq u b'dijametru massimu ta' 2 cm fil-bażi taz-zokk, li joriġinaw mit-Turkija";

(2) l-entrata ta' "*Nerium* L." hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Nerium* L. minbarra pjanti għat-tħawwil ta' *Nerium oleander* L. ta' mhux aktar minn erba' snin, li joriġinaw mit-Turkija";

(3) l-entrata "*Robinia* L., minbarra pjanti mlaqqma bl-għeruq mikxufin inattivi għat-tħawwil b'dijametru massimu ta' 2,5 cm ta' *Robinia pseudoacacia* L. li joriġinaw mill-Iżrael" hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Robinia* L. minbarra pjanti għat-tħawwil imlaqqma, bl-għeruq mikxufin, inattivi u b'dijametru massimu ta' 2,5 cm ta' *Robinia pseudoacacia* L. li joriġinaw fl-Iżrael u minbarra pjanti għat-tħawwil ta' *Robinia pseudoacacia* L. ta' mhux aktar minn seba' snin u b'dijametru massimu ta' 25 cm, li joriġinaw mit-Turkija".

ANNESS II

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiddaħħlu wara l-entrata "il-biċċiet mingħajr għeruq ta' pjanti għat-tħawwil tal-*Jasminum polyanthum* Franchet"

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-oriġini	Miżuri
"Pjanti għat-tħawwil ta' *Juglans regia* L, ta' mhux aktar minn sentejn bl-għeruq mikxufin, mingħajr weraq u b'dijametru massimu ta' 2 cm fil-bażi taz-zokk.	ex 0602 20 20	It-Turkija	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: (i) il-pjanti huma ħielsa minn *Euzophera semifuneralis, Garella musculana* u *Lasiodiplodia pseudotheobromae;* (ii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fiż-żminijiet xierqa, mill-bidu taċ-ċiklu sħiħ tal-produzzjoni, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mil-*Euzophera semifuneralis* mill-*Garella musculana* u mil-*Lasiodiplodia pseudotheobromae*; (iii) twaqqfet sistema biex tiżgura li, qabel ma jiddaħħlu f'kull sit tal-produzzjoni, l-għodod tat-tilqim u taż-żbir ikunu ġew diżinfettati biex jinħelsu mil-*Lasiodiplodia pseudotheobromae* u li l-pjanti mlaqqma jew miżbura jkun sarilhom trattament xieraq biex jiġi evitat id-dħul tal-*Lasiodiplodia pseudotheobromae* permezz tal-qatgħat; u (iv) immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-*Euzophera semifuneralis* u tal-*Garella musculana*, b'mod partikolari fiz-zkuk u fil-friegħi tal-pjanti, b'tali daqs tal-kampjun li jkun jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' kunfidenza ta' 99 %, u spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-*Lasiodiplodia pseudotheobromae*, inkluż kampjunar u ttestjar aleatorju tal-pjanti; (b) Taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu: (i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213; (ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati."

"Pjanti għat-tħawwil ta'*Nerium oleander L.*, ta' mhux aktar minn erba' snin.	ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 47 ex 0602 90 70 ex 0602 90 91	It-Turkija	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: (i) il-pjanti huma ħielsa mill-*Phenacoccus solenopsis*; (ii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fi żminijiet xierqa, mill-bidu taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-pjanti, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-*Phenacoccus solenopsis*; u (iii) immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-*Phenacoccus solenopsis*, b'tali daqs tal-kampjun li jkun jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' kunfidenza ta' 99 %; (b) taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti għandhom jinkludu: (i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213"; (ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati"

(2) din l-entrata li ġejja tiżdied wara "*Robinia pseudoacacia,* bl-għeruq mikxufa, inattivi, pjanti mlaqqma għat-tħawwil b'dijametru massimu ta' 2,5 cm"

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-oriġini	Miżuri
"Pjanti għat-tħawwil ta' *Robinia pseudoacacia* L. ta' mhux aktar minn seba' snin u b'dijametru massimu ta' 25 cm.	ex 0602 90 41 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48	It-Turkija	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: (i) il-pjanti huma ħielsa mill-*Pochazia shantungensis;* (ii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fi żminijiet xierqa, mill-bidu taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-pjanti, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-*Pochazia shantungensis*; u (iii) immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-*Pochazia shantungensis*, b'tali daqs tal-kampjun li jkun jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' kunfidenza ta' 99 % għal kull pest; (b) Taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti għandhom jinkludu: (i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213"; (ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati."